

Brussell, 16 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16856/25

ENV 1396
CLIMA 602
COMPET 1362
MI 1067
IND 624
AGRI 718
FORETS 144

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 16447/25

Suġġett: L-Ambjent tal-Ewropa 2030 - Nibnu Ewropa aktar reżiljenti għall-klima u
ċirkolari
- Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-[Anness](#) il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif approvati mill-Kunsill fl-4146 laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Diċembru 2025.

L-Ambjent tal-Ewropa 2030 - Nibnu Ewropa aktar reżiljenti għall-klima u ċirkolari
- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. IFAKKAR fid-Deċiżjoni dwar it-8 Programm ta' Azzjoni Ambjentali (EAP)¹ u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew², l-għan globali dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima stipulat fl-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi³, u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU (b'mod partikolari l-SDG 12 u l-SDG 13)⁴.
2. JAFFERMA MILL-ĠDID il-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill, b'mod partikolari dawk tas-17 ta' Ġunju 2024 dwar l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tat-tmien EAP⁵ u l-gwida komprensiva tagħhom għall-promozzjoni tal-oġettivi li jinsabu fil-programm. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iwettqu l-ambizzjonijiet kif jinsabu f'dawn il-konklużjonijiet.
3. JILQA' r-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent dwar l-Ambjent tal-Ewropa 2025⁶ kif ukoll ir-rapporti ta' monitoraġġ tal-Aġenzija dwar il-progress lejn l-oġettivi tat-tmien EAP, li għandhom iservu bħala l-bażi għal djalogi politiċi ta' livell għoli u JISSOTTOLINJA r-rwol tal-Aġenzija fl-għoti ta' informazzjoni oġġettiva, affidabbli u komparabbli biex tinforma l-politiki dwar l-ambjent u l-klima.
4. JIRRIKONOXXI l-progress insuffiċjenti lejn l-oġettivi stipulati fit-tmien EAP, l-istat mhux sodisfaċenti tan-natura u l-bijodiversità u r-rwol integrali tagħhom fir-reżiljenza għall-klima u l-ekonomija ċirkolari.

¹ Id-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22).

² Id-dokument 15051/19 + ADD 1.

³ ĠU L 282/9, 19.10.2016, p. 4.

⁴ [Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli: 17-il Għan biex nittrasformaw id-dinja tagħna | In-Nazzjonijiet Uniti](#).

⁵ Id-dokument 11326/24 + COR 1.

⁶ ŻEE: L-ambjent tal-Ewropa 2025([ħolqa](#)).

5. JIDDISPJAĊIH li l-Kummissjoni ma ppreżentatx proposta leġiżlattiva biex jiżdied anness għat-8 EAP b'azzjonijiet għall-perjodu ta' wara l-2025 biex jiġi indirizzat il-progress insuffiċjenti lejn l-oġettivi tat-tmien EAP. ITENNI t-talba lill-Kummissjoni, abbażi tal-Artikolu 5(2) tat-8 EAP, biex tippreżenta proposta leġiżlattiva biex iżżid anness għat-tmien EAP b'azzjonijiet għall-perjodu ta' wara l-2025 biex iżżomm il-kontinwità u l-ambizzjoni tagħha.
6. IFAKKAR li l-EAPs jipprovdu trasparenza u impenn fit-tul tal-atturi rilevanti kollha dwar kif tranżizzjoni ekoloġika tista' tinkiseb b'mod li jkun ta' benefiċċju ekonomiku u soċjalment ġust, u għandu jkun fihom azzjonijiet konkreti biex jiġu żgurati l-prevedibbiltà u l-affidabbiltà.

I. KUMMENTI ĠENERALI

7. JIRRIKONOXXI l-interkonnessjonijiet bejn ir-reżiljenza għall-klima, iċ-ċirkolarità, u oġettivi ambjentali oħra bħall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità, il-ħamrija u l-ekosistemi, il-kwalità u l-kwantità tal-ilma u l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis.
8. JISSOTTOLINJA li t-titjib fl-azzjoni dwar ir-reżiljenza għall-klima u t-tranżizzjoni ċirkolari hija dejjem aktar urġenti, minħabba l-kriżi planetarja tripla tat-tibdil fil-klima, it-tniġġis u t-telf tal-bijodiversità. Azzjoni bħal din ser tikkontribwixxi għat-tħejjija u s-sigurtà ġenerali tas-soċjetajiet tagħna, tal-ekonomija, għall-kompetittività tal-Ewropa, u tixpruna l-innovazzjoni filwaqt li fl-istess ħin tipproteġi liċ-ċittadini, lin-negozji, lill-infrastrutturi u lill-ekosistemi minn theddid bħad-degradazzjoni ambjentali, l-avvenimenti estremi tat-temp, in-nixfiet, l-għargħar, iż-żieda fil-livelli tal-baħar, in-nirien fil-foresti, l-istress idriku, l-iskarsezza tar-riżorsi, u l-impatti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem.
9. JENFASIZZA li l-azzjonijiet iridu jiżguraw tranżizzjoni ġusta u reżiljenza ġusta, li jipproteġu b'mod partikolari l-aktar gruppi vulnerabbli, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.
10. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tiġi żgurata protezzjoni effettiva tal-ambjent permezz ta' implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-leġiżlazzjoni adottata.

11. JIRRIKONOXXI li huma meħtieġa investimenti sinifikanti biex jiġu promossi l-oġġettivi tar-reżiljenza għall-klima u ċ-ċirkolarità u JISĦAQ FUQ l-importanza li jiġi żgurat finanzjament adegwat u aċċessibbli billi jiġu mobilizzati kemm ir-riżorsi pubbliċi kif ukoll dawk privati, fosthom il-finanzjament disponibbli tal-UE. JISĦAQ li l-livelli ta' esponimenti għar-riskju u l-ispejjeż tan-nuqqas ta' azzjoni għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġu vvalutati l-ħtiġijiet tal-inizjattivi tar-reżiljenza għall-klima u ċ-ċirkolarità. JISSOTTOLINJA li l-ispejjeż u d-danni minħabba nuqqas ta' azzjoni jew azzjoni insuffiċjenti huma mistennija li jkunu oġġla b'mod sinifikanti minn azzjoni effettiva. JENFASIZZA li l-ispiża tan-nuqqas ta' implimentazzjoni tad-dritt ambjentali tal-UE tammonta għal €180 biljun fis-sena meta mqabbla mal-miri ambjentali attwali, li tiżdied għal €325 biljun fis-sena fir-rigward tal-miri ambjentali li ser japplikaw fil-futur qrib⁷. JIEĦU NOTA tal-estimi li d-diskrepanza fl-investment għall-ekonomija ċirkolari fl-UE tammonta għal EUR 27 biljun fis-sena⁸. Ikompli JENFASIZZA li f'dawn l-aħħar 40 sena, l-estremiġiet relatati mat-temp u mal-klima kkawżaw madwar EUR 822 biljun fi ħsara lill-assi fl-UE, u li 25 % ta' dawn l-ispejjeż seħħew f'dawn l-aħħar erba' snin⁹, u li huwa mistenni li dawn ikomplu jiżdiedu.
12. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli tindirizza l-isfidi relatati mar-reżiljenza għall-klima u ċ-ċirkolarità, inkluż permezz tal-proposti li ġejjin għal Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari u Qafas Integrat għar-Reżiljenza għall-Klima, filwaqt li tiżgura l-koerenza ma' inizjattivi ewlenin oħra tal-UE bħall-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza u l-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma.

⁷ Kummissjoni Ewropea: Update of the costs of not implementing EU environmental law ([holqa](#)).

⁸ Kummissjoni Ewropea: Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali tal-2025 ([ħolqa](#)).

⁹ Aġenzija Ewropea għall-Ambjent: Economic losses from weather- and climate-related extremes in Europe ([holqa](#)).

13. JENFASIZZA l-prinċipji ġenerali tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità u l-importanza li jiġu rispettati s-sistemi nazzjonali eżistenti, l-ispeċifikitajiet u l-aħjar prattiki. JENFASIZZA l-importanza li jiġu evitati piżijiet amministrattivi bla bżonn għall-awtoritajiet kompetenti u n-negozji bħala wieħed mill-faċilitaturi ewlenin għall-kompetittività. JISSOTTOLINJA li s-simplifikazzjoni ma għandhiex timpedixxi jew tnaqqas il-livell ta' saħħa, ir-reżiljenza għall-klima u l-protezzjoni ambjentali, għandha ssegwi l-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar u għandha tiżgura stabbiltà u prevedibbiltà legali fit-tul għan-negozju u s-soċjetà.
14. JISSOTTOLINJA li l-miżuri u l-azzjonijiet għandhom iqisu l-kundizzjonijiet ġeografiċi, klimatiċi, ekonomiċi u soċjali differenti fl-Istati Membri u r-reġjuni, fosthom ir-reġjuni ultraperiferiċi, l-Istati Membri gżejjer żgħar, u l-Artiku.
15. JISSOTTOLINJA li t-tiżiħ tar-reżiljenza għall-klima tas-sistemi naturali huwa essenzjali għall-appoġġ tal-assorbimenti naturali fit-tul tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.
16. JENFASIZZA li l-bijomassa primarja u sekondarja hija l-pedament ta' bijoekonomija ċirkolari, u kontribut importanti għal soċjetà Ewropea prospera, u b'hekk JILQA' l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bioekonomija tal-Kummissjoni bħala mezz għaż-żamma tal-użu sostenibbli u ċirkolari tar-riżorsi naturali, inkluż il-materjali agrikoli u tal-forestrija u l-enerġija fl-Istati Membri kollha.
17. JESPRIMI TĦASSIB PROFOND dwar id-degradazzjoni ambjentali estensiva, it-tniġġis, u t-tnaqqis tar-riżorsi li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja kontra l-Ukrajna, li wasslet għal ħsara severa u fit-tul lill-ekosistemi, l-infrastruttura u l-komunitajiet. JISĦAQ li tali qerda ddgħajjef l-isforzi biex tinbena Ewropa ċirkolari u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, filwaqt li taggrava l-vulnerabbiltajiet għat-tniġġis, it-telf tal-biodiversità, u t-tibdil fil-klima.

II. REŻILJENZA GĦALL-KLIMA

18. JINNOTA BI TĦASSIB li ħafna mir-riskji identifikati fir-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa (EUCRA) laħqu livelli kritiċi u jistgħu jsiru katastrofiċi sakemm ma titteħdx azzjoni urġenti u deċiżiva.
19. JENFASIZZA li r-reżiljenza għall-klima hija fundamentali għas-sigurtà, il-prosperità u l-kompetittività tal-Unjoni. JISĦAQ li hija meħtieġa bidla trasformattiva biex l-Unjoni u l-Istati Membri jkunu ppreparati aħjar u jsiru aktar reżiljenti.
20. JISSOTTOLINJA l-importanza strateġika tar-reżiljenza għall-klima bħala pilastru fundamentali għas-salvagwardja tas-saħħa pubblika u l-benesseri, il-koeżjoni soċjali, u biex tiġi żgurata l-preservazzjoni fit-tul tal-wirt naturali. JIRRIKONOXXI l-importanza tad-dimensjonijiet soċjali fit-tfassil ta' azzjonijiet ta' politika futuri relatati mar-reżiljenza għall-klima.
21. JIRRIKONOXXI li r-riskji klimatiċi jvarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri u fir-reġjuni; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal flessibbiltà biex jiġi żgurat li l-azzjonijiet ikunu mmirati b'mod xieraq lejn l-aktar riskji sinifikanti u l-gruppi u s-setturi l-aktar vulnerabbli. JISĦAQ, f'dan ir-rigward, l-importanza li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi ta' adattament tal-Istati Membri u r-reġjuni affettwati b'mod sproporzjonat mill-perikli klimatiċi, u JAPPELLA għal kooperazzjoni msaħħa dwar il-prevenzjoni, il-preparatezza u l-kapaċità ta' rispons fil-livell tal-Unjoni.
22. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-kooperazzjoni transfruntiera, inkluż sistemi ta' twissija bikrija transfruntiera li jiffunzjonaw tajjeb, biex jiġu indirizzati r-riskji klimatiċi transfruntiera u l-importanza tal-kooperazzjoni fil-livell tal-UE biex jiġu indirizzati r-riskji transkonfinali, transsettorjali u kaskata kondiviżi.

Opportunitajiet ta' kompetittività u innovazzjoni

23. JENFASIZZA l-opportunitajiet ekonomiċi, mhux l-inqas għall-SMEs, li jirriżultaw mill-ħtieġa li tiġi żviluppata u msaħħa aktar l-adozzjoni ta' teknoloġiji, prodotti u servizzi innovattivi ta' reżiljenza għall-klima, inkluż bil-ħsieb li tiġi żgurata tmexxija fis-suq globali.

24. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipromwovu r-riċerka u jrawmu l-innovazzjoni, u b'hekk jikkontribwixxu għal soluzzjonijiet li jkunu ta' benefiċċju konkomitanti għar-reżiljenza għall-klima, ir-restawr tal-ekosistema, it-tnaqqis tat-tniġġis, it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, u l-kompetittività u JISĦAQ FUQ il-ħtieġa li jittejjeb l-għarfien dwar l-ispejjeż, il-benefiċċji, l-opportunitajiet ta' negozju u l-inklużjoni tal-ġustizzja soċjali f'soluzzjonijiet għar-reżiljenza għall-klima.

Reżiljenza għall-klima mit-tfassil

25. JAPPELLA GĦAL integrazzjoni proattiva tar-reżiljenza għall-klima fil-leġislazzjoni u l-politiki, is-setturi u l-livelli ta' governanza rilevanti kollha, filwaqt li jitqiesu l-leġislazzjoni, l-inizjattivi u l-pjanijiet eżistenti.
26. JINNOTA li r-rabta bejn ir-reżiljenza għall-klima mit-tfassil u l-istadju bikri tal-ippjanar, l-ibbaġitjar u l-infrastruttura tiftaħ bosta benefiċċji u ttejjeb l-opportunitajiet ta' investiment sostenibbli.
27. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa ta' involviment transsettorjali, li jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki li jibnu r-reżiljenza għall-klima. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' approċċ speċifiku għas-settur għar-reżiljenza għall-klima biex tiġi żgurata responsabbiltà mmirata għall-valutazzjoni tar-riskju u JINNOTA li sjieda tar-riskju settorjali ċara hija kruċjali għall-obbligu ta' rendikont u rispons immirat għall-vulnerabbiltajiet u l-ħtiġijiet uniċi ta' kull settur; JENFASIZZA li kunsiderazzjonijiet transsettorjali fosthom il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha u l-livelli ta' governanza huma fundamentali sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' adattament ħażin u jiġu massimizzati s-sinerġiji.
28. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' ekosistemi b'saħħithom, il-bijodiversità u ż-żieda ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura bħala mezzi kosteffettivi għar-reżiljenza għall-klima sabiex dawn is-soluzzjonijiet jintużaw b'mod sistematiku meta jkun rilevanti.

Qafas legali

29. JILQA' b'interess il-pjanijiet tal-Kummissjoni li tiżviluppa qafas legali biex tappoġġa l-azzjoni ta' reżiljenza għall-klima fl-UE u f'diversi livelli ta' governanza fl-Istati Membri, permezz tal-valutazzjoni tal-merti ta' elementi bħal definizzjonijiet, objettivi, għanijiet, xenarji/trajettorji komuni ta' referenza tat-temperatura għad-deċiżjonijiet dwar ir-reżiljenza għall-klima, metodoloġiji għall-valutazzjonijiet tar-riskju klimatiku, kjarifika tas-sjieda tar-riskju, sett ta' għodod u qafas ta' tagħlim komuni; JISSOTTOLINJA l-prinċipji ġenerali tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet u l-kuntest lokali, u JISĦAQ fuq il-ħtieġa għall-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji klimatiċi transkonfinali kif ukoll it-theddid sistemiku għall-kompetittività, is-sigurtà u l-prosperità tal-UE kollha.
30. JIRRIKONOXXI l-importanza li jissaħħu l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-isforzi tar-reżiljenza għall-klima fil-livelli tal-UE u dak tal-Istati Membri sabiex tiġi appoġġata aħjar l-implimentazzjoni effettiva tal-azzjonijiet ta' adattament u JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu identifikati opportunitajiet għar-razzjonaliżmu, it-titjib u s-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar eżistenti, u b'hekk jissaħħu t-trasparenza u l-effettività.

Finanzjament u assigurazzjoni

31. JISSOTTOLINJA li finanzjament suffiċjenti jibqa' kruċjali biex tiġi żgurata azzjoni ta' reżiljenza għall-klima; JIRRIKONOXXI li kemm il-finanzjament privat kif ukoll dak pubbliku huma meħtieġa biex jiġu mobilizzati l-finanzjament u l-investimenti meħtieġa għall-bini tar-reżiljenza għall-klima.
32. JENFASIZZA l-importanza tal-istrumenti u l-programmi ta' finanzjament disponibbli tal-UE fl-iffaċilitar tal-implimentazzjoni u l-finanzjament ta' miżuri ta' reżiljenza għall-klima fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali.
33. JISĦAQ FUQ l-importanza li tiġi żgurata assigurazzjoni aċċessibbli u affordabbli biex jiġu indirizzati r-riskji residwi.

Għodod diġitali u awtonomizzazzjoni taċ-ċittadini

34. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa ta' informazzjoni faċli u aċċessibbli dwar ir-reżiljenza għall-klima; JINKORAĠIXXI titjib fil-ġbir u l-użu tad-data biex jiġu ffaċilitati l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri; JISSOTTOLINJA r-rwol tal-għodod diġitali fl-iffaċilitar tal-aċċess għall-informazzjoni u l-għarfien u JISĦAQ li għodod diġitali ġodda jew imtejba għandhom ikunu bbażati fuq il-ħtiġijiet tal-utenti finali.
35. Ikompli JIRRIKONOXXI, li d-diġitalizzazzjoni jista' jkollha impatt sinifikanti fuq it-tnaqqis tal-piż amministrattiv filwaqt li fl-istess ħin ittejjeb il-kwalità tad-data pereżempju permezz ta' reġistri mtejba u obbligi ta' rapportar xierqa.
36. JAPPOĠĠA l-parteċipazzjoni pubblika u jippermetti t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza għaċ-ċittadini, in-negozji u dawk li jfasslu l-politika bħala elementi ewlenin fil-promozzjoni tal-ġustizzja, l-inklużività, u l-koeżjoni soċjali lejn ir-reżiljenza għall-klima.

Gvernijiet lokali u reġjonali

37. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' approċċ transsettorjali ta' gvern sħiħ li jinvolvi atturi fil-livelli lokali u dak reġjonali fil-bini tar-reżiljenza għall-klima u JENFASIZZA li l-azzjonijiet ta' politika futuri għandhom jappoġġaw il-kapaċitajiet u l-miżuri lokali u reġjonali, u JISĦAQ li t-tisħiħ tal-għodod u l-bini tal-kapaċità għall-atturi reġjonali u lokali huwa essenzjali, inkluż permezz tal-ingranaġġ tal-esperjenzi tal-Missjoni tal-UE dwar l-Adattament u billi l-Istati Membri jiġu appoġġati fit-tfassil ta' strateġiji ta' reżiljenza għall-kundizzjonijiet lokali u l-inkoraġġiment ta' involviment bikri tal-partijiet ikkonċernati biex jiġu żgurati soluzzjonijiet inklużivi u adattati reġjonalment, biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva.

III. EKONOMIJA ĊIRKOLARI

38. JINNOTA li r-Rapport Global Resources Outlook 2024 tal-Panel Internazzjonali tar-Riżorsi jikkonkludi li l-ekonomija ċirkolari jista' jkollha rwol sinifikanti fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità u jissottolinja r-rwol ta' aktar effiċjenza fir-riżorsi u t-tnaqqis fid-domanda għall-materjali.
39. JIKKONFERMA l-ħtieġa għal qafas leġislattiv komprensiv, effiċjenti u effettiv dwar l-ekonomija ċirkolari biex iġib u jaċċellera bidla sistemika lejn l-oġettivi fit-tul tal-UE u jiżgura l-kundizzjonijiet abilitanti meħtieġa kif stabbiliti fit-tmien EAP, kif ukoll jiżgura l-inċentivi meħtieġa għat-tranżizzjoni ċirkolari.
40. ITENNI l-importanza ta' implimentazzjoni rapida tal-leġislazzjoni adottata u l-iżvilupp tal-leġislazzjoni sekondarja li jmiss.
41. ITENNI l-ħtieġa għal viżjoni integrata fit-tul tal-UE għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u użu sostenibbli tar-riżorsi u JISSOTTOLINJA l-importanza li tingħata prijorità lill-ogħla livelli tal-ġerarkija tal-iskart.
42. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari biex tippermetti t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, tagħti spinta lill-kompetittività, lis-sigurtà ekonomika, lill-impjiegi ekoloġiċi ta' kwalità għolja, lir-reżiljenza, lill-awtonomija strateġika, u biex tappoġġa l-oġettivi ambjentali u klimatiċi fit-tmien EAP, filwaqt li tiżgura sinerġija u allinjament mal-oġettivi tal-politika industrijali tal-UE.
43. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt komprensiva, tindirizza b'mod xieraq l-ostakli u l-konġestjonijiet permezz tal-leġislazzjoni eżistenti biex titħaffef it-tranżizzjoni ċirkolari, jiġu żgurati l-prevedibbiltà, il-koerenza tal-politika, is-simplifikazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent.
44. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex iżżomm l-enfasi fuq is-setturi ewlenin kollha b'impatti ambjentali għoljin, rilevanza strateġika għolja, u potenzjal għoli għal soluzzjonijiet ċirkolari kif identifikati mis-sitt oġettiv prijoritarju tat-tmien EAP.

45. JISSOTTOLINJA l-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni u l-armonizzazzjoni tad-data bħala għodod għal ġestjoni u simplifikazzjoni aħjar.
46. JENFASIZZA li l-bijomassa primarja u sekondarja hija l-pedament ta' bijoekonomija ċirkolari, u kontribut importanti għal soċjetà Ewropea prospera, u b'hekk JILQA' l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bioekonomija tal-Kummissjoni bħala mezz għaż-żamma tal-użu sostenibbli u ċirkolari tar-riżorsi naturali, inkluż il-materjali agrikoli u tal-forestrija u l-enerġija fl-Istati Membri kollha.
47. JAPPOĠĠA l-ħidma kontinwa tal-Kummissjoni dwar l-armonizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tar-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur u jesplora l-applikazzjoni ulterjuri tagħha, filwaqt li jqis l-ispeċifiċitajiet u l-kuntest nazzjonali. JISĦAQ FUQ il-ħtieġa li jiġi rregolat il-bejgħ mill-bogħod, u l-pjattaformi online u li jiġu żgurati għodod ta' infurzar adegwati biex jiġi żgurat li l-operaturi kollha, fl-UE u minn pajjiżi terzi, jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-sikurezza tal-prodotti u tal-konformità legali, inkluż ir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur, il-protezzjoni tal-konsumatur u tal-ambjent, inkluż fir-rigward kemm tal-importazzjoni kif ukoll tal-esportazzjoni ta' prodotti, oġġetti użati, u skart, sabiex jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwivalenti, filwaqt li jiġi żgurat li l-UE tissodisfa l-obbligi internazzjonali tagħha.

Il-ħolqien ta' suq uniku għall-materja prima sekondarja

48. JENFASIZZA l-importanza ta' suq uniku li jiffunzjona tajjeb għall-materja prima sekondarja bħala prekundizzjoni għat-tnaqqis tal-estrazzjoni tal-materjali, it-tishiġ tar-riċiklaġġ, iċ-ċirkolarità u s-sigurtà tal-provvista, b'mod partikolari għall-minerali kritiċi sekondarji skont l-Att dwar il-Materja Prima Kritika; u f'dak il-kuntest, JISSOTTOLINJA l-importanza li jissaħħu l-isforzi biex jiġu żgurati l-kwantità u l-kwalità tal-materjali riċiklati u JISTIEDEN lill-Kummissjoni tindirizza l-fallimenti ċari tas-suq u l-frammentazzjoni u ttejjeb il-moviment liberu ta' prodotti ċirkolari u materjali sekondarji.
49. JIRRIKONOXXI li n-negozju ċirkolari u s-suq għall-materja prima sekondarja spiss ma jkunux jistgħu jikkompetu mal-importazzjoni ta' materjali verġni orħos; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni taħdem fuq suq ġust u kompetittiv tal-materjali sekondarji b'domanda għar-riċiklati tal-UE u tesplora l-ipprezzar potenzjali u tistimula mekkaniżmi biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwivalenti bejn il-mudelli ta' negozju ċirkolari u lineari u biex tiżgura li l-materjali prodotti mill-iskart, miġbura u pproċessati barra mill-Unjoni Ewropea jikkonformaw mal-istandards ambjentali u tas-saħħa ekwivalenti għall-istandards tal-UE.
50. JAPPELLA biex jiġu żgurati b'mod sistematiku kundizzjonijiet ġusti u ekwivalenti għall-materjali riċiklati minn pajjiżi terzi speċjalment meta jikkontribwixxu għal miri regolatorji Ewropej għall-inkorporazzjoni ta' materjali riċiklati, filwaqt li jiġu rispettati l-impenji internazzjonali, u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiġġieled il-prattiki ta' rimi.
51. JISTIEDEN lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-valur miżjud tal-UE permezz ta' aktar armonizzazzjoni u żvilupp tal-kriterji tat-tmiem tal-iskart u kodiċijiet aġġornati tal-iskart bil-ħsieb li tiġi żgurata implimentazzjoni aktar konsistenti, jiġu miġġielda l-vjeġġi illegali tal-iskart, u jiġi ffaċilitat is-suq uniku għall-materja prima sekondarja, kif ukoll jiġu eliminati l-ostakli li jfixklu l-integrazzjoni ta' materjali riċiklati u użati mill-ġdid fil-flussi ekonomiċi.

52. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jkomplu jiġu stimulat i-miżuri min-naħa tal-provvista u d-domanda għall-materja prima sekondarja pereżempju billi jittejbu u jiżdedu l-ġbir separat tal-iskart u r-rekwiżiti tal-kontenut riċiklat, l-inċentivi pożittivi bbażati fuq is-suq, u l-istandards tal-kwalità għall-materja prima sekondarja.
53. IFAKKAR fir-rwol importanti tal-innovazzjoni fl-istadji kollha tal-katina tal-valur tar-riċiklaġġ, inkluż l-istadju tat-tfassil, fil-produzzjoni ta' materja prima riċiklata Ewropea li kapaċi tissodisfa l-ħtiġijiet tal-manifatturi Ewropej f'termini ta' kwantità, kwalità, u bi prezz raġonevoli. F'dan ir-rigward, JAPPELLA lill-Kummissjoni Ewropea tagħmel l-ekonomija ċirkolari prijorità fil-programmi ta' appoġġ tagħha.
54. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti u sorveljanza effettiva tas-suq biex tiġi ppreservata l-kompetittività Ewropea f'Suq Uniku ġust u ċirkolari.
55. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu indirizzati kwalunkwe interfaċċi ambigwi u inkonsistenti bejn il-leġiżlazzjoni dwar l-iskart, il-prodotti u s-sustanzi kimiċi u l-importanza li jiġu stabbiliti ċikli ta' materjali mhux tossiċi permezz ta' eliminazzjoni gradwali rapida ta' sustanzi ta' ħsara biex jiġu appoġġati l-aċċess għal materjali riċiklati sostenibbli u ta' kwalità għolja u l-fiduċja fihom. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex timplimenta bis-sħiħ l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà b'enfasi partikolari fuq ir-reviżjoni u l-immodernizzar tar-REACH. JISSOTTOLINJA li l-armonizzazzjoni u l-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti u s-sustanzi kimiċi huma meħtieġa u għandu jkollhom l-għan li jiżguraw li l-materja prima sekondarja tkun sikura biex tintuża u tikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-UE. Ikompli JENFASIZZA l-importanza li jiġi żgurat qafas legali li jippermetti lill-industrija tal-kimika taċċellera l-isforzi biex jingħelbu d-diversi restrizzjonijiet tekniċi u ekonomiċi għall-iżvilupp tal-aktar riċiklaġġ kimiku effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u sostenibbli.

56. JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġi permiss l-użu sostenibbli tar-riżorsi peress li jappoġġa l-obiettivi klimatiċi u ambjentali, jixpruna t-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività, jiżgura l-provvista tal-materja prima, isaħħaħ ir-reżiljenza tal-katina tal-provvista, u jrawwem l-innovazzjoni fit-teknoloġiji u l-mudelli kummerċjali, inkluż permezz ta' miżuri fiskali.
57. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ għat-tnaqqis tal-iskart u l-prevenzjoni tal-estrazzjoni tal-materjali permezz ta' aktar inċentivi biex jiżdedu d-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija u l-użu mill-ġdid tal-prodotti, is-servitizzazzjoni, u l-faċilitazzjoni u l-inċentivizzazzjoni ta' mudelli ta' negozju ċirkolari u JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex tiżgura dan bħala parti mill-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari.
58. JISSOTTOLINJA l-importanza tar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli (ESPR) u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni żżomm appoġġ sħiħ, għall-implimentazzjoni f'waqtha u fejn possibbli, l-aċċellerazzjoni tal-pjan ta' ħidma tal-ESPR u t-twassil f'waqtu tal-Passaport Diġitali tal-Prodotti tal-UE.
59. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi rekwiżiti tat-tfassil għat-tagħmir elettriku u elettroniku li jkopru ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodott, b'mod partikolari dwar il-possibbiltà ta' tiswija, l-użu mill-ġdid, l-aġġornament u r-riċiklabbiltà, u tistabbilixxi standards ċari għall-ġbir, l-irkupru u t-trattament għall-komponenti u l-materjali, speċjalment il-materja prima kritika.
60. JISSOTTOLINJA l-potenzjal sinifikanti għall-akkwist pubbliku li jaġixxi bħala mutur għall-ekonomija ċirkolari u l-ħtieġa li tittieħed azzjoni ulterjuri biex jiġi promoss l-akkwist pubbliku ekoloġiku li jinkoraġġixxi l-użu ta' prodotti u servizzi magħmula fl-UE, filwaqt li jiġu ppreservati kundizzjonijiet ekwivalenti, jagħti prijorità lid-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija, l-użu mill-ġdid, u l-effiċjenza fir-riżorsi, u jippermetti l-akkwist ta' prodotti użati, rinnovati u manifatturati mill-ġdid, u prodotti bħala servizz, u b'hekk jappoġġa mudelli ta' negozju ċirkolari u joħloq domanda għal prodotti u servizzi sostenibbli fl-Unjoni.
61. JENFASIZZA l-importanza ta' għodod fil-livell tal-UE bħall-Ekotikketta tal-UE u l-EMAS biex jiġu żgurati prodotti aħjar fis-suq tal-UE.

62. JENFASIZZA l-importanza tal-konsumaturi u l-ħtieġa ta' informazzjoni affidabbli u l-għarfien biex il-konsumaturi jingħataw is-setgħa, fost l-oħrajn biex jiġu evitati Prattiki qarrieqa bħall-greenwashing. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tiddefinixxi rekwiżiti ta' informazzjoni obligatorji għal gruppi ta' prodotti li jħallu impatt, fosthom tikketti, skont ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli. JISTIEDEN lill-atturi ekonomiċi japplikaw il-metodi ta' impronta ambjentali stabbiliti mill-Kummissjoni biex jirfdu s-sistemi ta' tikkettar b'punteġġ ekoloġiku li huma kompatibbli u jirriflettu l-impatti ambjentali tal-prodotti. F'dan il-kuntest, JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiżgura t-trasparenza fil-governanza tal-iżvilupp u l-validazzjoni ta' dawn il-metodi. F'dan il-kuntest JISSOTTOLINJA l-importanza ta' kampanji ta' għarfien fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri biex jiġu ffaċilitati l-għażliet ċirkolari tal-konsumaturi.
63. JAPPOĠĠA l-innovazzjoni fl-infrastruttura fit-teknoloġiji tal-ġbir, is-separazzjoni, l-użu mill-ġdid, it-tnejn għall-użu mill-ġdid, u r-riċiklaġġ biex tiġi avvanzata l-ekonomija ċirkolari u JISĦAQ fuq l-importanza li jiġi pprovdut appoġġ immirat, b'modi differenti, għall-SMEs, b'mod partikolari dawk attivi fis-setturi tat-tiswija, l-użu mill-ġdid, il-kiri u l-kondiviżjoni.

Azzjoni internazzjonali

64. JAPPOĠĠA n-negozjati kontinwi u s-sensibilizzazzjoni biex jiġi żviluppat ftehim internazzjonali legalment vinkolanti ambizzjuż u effettiv biex jintemm it-tniġġis mill-plastik, inkluż fl-ambjent tal-baħar, abbażi ta' approċċ komprensiv li jindirizza ċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-plastik.